MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 376/2009

**Joseph Micallef**

**-vs-**

**Anthony Bezzina**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fis-16 ta’ April 2009 li permezz tiegħu l-attur ippremetta:

1. Illi l-attur huwa l-proprjetarju tal-fond dar Falcon Court, Flat 3, Triq Katerina Vitale, Xemxija.

2. Illi l-attur kien kera l-imsemmi fond lill-konvenut permezz ta’ skrittura privata datata 6 ta’ Frar 2008 (Dok. A).

3. Illi din il-kirja kienet ingħatat għal żmien sena mit-2 ta' Novembru 2007 liema perjodu ilu li skada.

4. Illi apparti minn hekk fit-3 ta' April 2009 l-attur informa lill-konvenut b'ittra uffiċjali illi ma jixtieqx illi l-fond jibqa' mikri lill-konvenut u interpellah jiżgombra mill-istess.

5. Illi l-konvenut fil-frattemp tella' arretrati ta' dawl u ilma fl-ammont ta' €331.61 kif jirriżulta mill-anness Dokument C liema kont kellu jħallsu l-attur.

6. Illi għalhekk il-konvenut huwa wkoll debitur versu l-attur fis-somma ta' €331.61 liema debitu huwa likwidu, ċert u dovut.

7. Illi l-konvenut għalhekk qiegħed jokkupa il-fond in kwistjoni b'mod abbusiv u illegali u mingħajr ebda titolu validu fil-liġi.

8. Illi l-konvenut m'għandux eċċezzjonijiet validi x'jagħti in kontro-trattazzjoni għat-talbiet attriċi u għalhekk jippersistu ċ-ċirkostanzi kontemplati fl-artikoli 167-170 tal-Kap 12.

Għaldaqstant l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ a tenur ta' l-artikoli 167-170 tal-Kap. 12.

2. Tordna lill-konvenut sabiex fi żmien qasir u perentorju, li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tipprefiġġi, jiżgombra mill-fond dar Falcon Court, Flat 3, Triq Katerina Vitale, Xemxija u dan prevja kull dikjarazzjoni li din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuna, inkluż dikjarazzjoni li l-konvenut qiegħed jokkupa l-imsemmi fond mingħajr ebda titolu validu fil-liġi.

3. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' tlett mija u wieħed u tletin Ewro u wieħed u sittin ċenteżmu (€331.61).

Bl-ispejjeż u l-imgħax u l-konvenut inġunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa ta’ l-attrici u l-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat naqas illi jippreżenta risposta u għalhekk huwa kontumaċi skond il-liġi.

Billi t-talba attrici tirriżulta ġustifikata;

**Il-Qorti għalhekk tiddeċiedi l-kawża billi tilqa’ t-talbiet kollha attriċi u għall-fini tat-tieni talba tordna li l-konvenut jiżgombra mill-fond fi żmien xahar.**

**Spejjeż a karigu tal-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------